# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**ħdax (11) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 1018/09 FDP**

Fl-ismijiet

**Emanuel Farrugia (D 801749M) u martu Margaret Farrugia (ID 443356M)**

**Vs**

**Mario Magri**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Diċembru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-atturi rikorrenti huma l-ġenituri tad-defunt Adolf Farrugia, li twieled fis-6 ta' Ġunju 1978, u li ġie nieqes fit-22 ta' Awwissu 1999; u*

    2. *Illi l-imsemmi Adolf Farrugia miet intestat, u dan kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji, li kopja tagħhom tinsab mehmuża; u*

    3. *Illi l-konvenut intimat ġie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza datata 6 ta' Mejju 2009, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih illi hu kkaġuna l-mewt tal-imsemmi Adolf Farrugia, u dan meta pprokuralu sustanza abbużiva konsistenti fi droga eroina, u dan għal raġunijiet dettaljati fl-istess sentenza; u*

4. *Illi per konsegwenza tal-mewt ta' binhom Adolf Farrugia, l-atturi rikorrenti fil-kwalita' tagħhom ta' eredi tal-imsemmi defunt Adolf Farrugia, sofrew u qed isofru danni, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi għal tali danni huwa unikament responsabbli l-konvenut intimat, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u*

6. *Illi għalkemm interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur rikorrenti, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut intimat unikament responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia, li ġie nieqes fit-22 ta' Awwissu 1999, u dan meta pprokuralu sustanza abbużiva konsistenti fi droga eroina.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rikorrenti b'konsegwenza tal-mewt ta' binhom Adolf Farrugia, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut intimat iħallas lill-atturi rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Novembru 2006, u bl-imgħax legali, kontra l-intimat nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-14 ta' Diċembru 2009, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini ta' l-Art. 2154 tal-Kodici Ċivili ta' Malta (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta)*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lir-rikorrenti jipprovaw li huma l-uniċi eredi tad-decuius Adolf Farrugia u li kwindi setgħu jipprospettaw l-azzjoni de quo kif proposta u fil-vesti kif proposta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-intimat mhux responsabbli għal mewt tad-decuius Adolf Farrugia;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni u għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost f'każ li r-rikorrenti sofrew xi danni, dawn ma humiex imputabbli lill-intimat u għalhekk l-intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas xi danni lir-rikorrenti;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

## Provi

3. Rat illi fis-16 ta’ Diċembru 2009 beda il-proċess tal-ġbir tal-provi.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Mario Magri**’ mogħtija fis-6 ta’ Mejju 2009 fejn kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn l-intimat intsab ħati ta’ varji akkużi, fosthom talli “*b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, **ikkaġuna l-mewt ta’ Adolph Farrugia ta’ 21 sena mwieled Pieta’ fis-6 ta’ Ġunju 1978***”. (fol 6)

5. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Margaret Farrugia** ippreżentat fil 25 ta’ Jannar 2010. (fol 40)

6. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Emanuel Farrugia** ippreżentat fil-25 ta’ Jannar 2010. (fol 43)

7. Rat ix-xhieda ta’ Margaret u Emanuel Farrugia, mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fit-18 ta’ Novembru 2010. (fol 56)

8. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ Emanuel Farrugia mogħtija fis-27 ta’ Jannar 2011. (fol 60)

9. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Emanuel Farrugia mogħtija fl-4 ta’ April 2011. (fol 64)

10. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Margaret Farrugia, mogħtija fl-4 ta’ April 2011. (fol 65)

11. Rat illi fl-4 ta’ April 2011 ir-rikorrenti, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw. (fol 63)

12. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Emanuel Farrugia mogħtija fis-17 ta’ Ġunju 2011. (fol 70)

13. Rat ix-xhieda ta’ l-**Assistent Kummissarju Neil Harrison** mogħtija fis-16 ta’ Marzu 2012. (fol 77)

14. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ l-Assistent Kummissarju Neil Harrison mogħtija fil-11 ta’ Ottubru 2013 (fol 116) fejn eżebixxa serje ta’ stqarrijiet lilu mogħtija, fosthom ta’ Franklin Borg (fol 117), Paul Cutajar (fol 120), Paul Busuttil (fol 124), Aaron Zammit (fol 126), Emanuel Agius (fol 128), Chalie Cachia (fol 130), Joseph Caruana (fol 132) u oħra ta’ Paul Busuttil (fol 134).

15. Rat ix-xhieda ta’ **l-Ispettur Norbert Ciappara** mogħtija fis-6 ta’ Diċembru 2013. (fol 139)

16. Rat ix-xhieda ta' **l-Ispettur Christopher Pullicino** mogħtija fil-5 ta' Mejju 2014. (fol 148)

17. Rat il-Proċess Verbal redatt "*Fl-Atti tal-inkjesta dwar "Il-Mewt ta' Adolf Farrugia" li sar rapport dwaru fit-22 ta' Awwissu 1999*" eżebit mill-intimat fit-3 ta' Marzu 2015. (fol 173 sa 287)

18. Rat ix-xhieda ta' **Carmelo Busuttil** mogħtija fit-3 ta' Marzu 2015. (fol 296)

19. Rat l-Istqarrija ta' Mario Magri mogħtija fit-8 ta' Jannar 2005 u eżebita mill-intimat stess fit-3 ta' Marzu 2015. (fol 299)

20. Rat illi fl-4 ta' Frar 2016 l-intimat ippreżenta kopja tal-proċess kollu fl-ismijet "*Il-Pulizija vs Mario Magri*". (fol 310 sa 746)

21. Rat illi fl-4 ta' Frar 2016 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

22. Rat illi fil-5 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti ippreżentaw nota dwar komputazzjoni tad-danni u dokumentazzjoni magħha annessa. (fol 758)

23. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019 l-intimat ippreżenta s-sottomissjonijet tiegħu bil-miktub. (fol 797)

24. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019 il-Qorti ordnat illi l-kawża titħalla għas-sentenza.

25. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qrati in vista tal-pandemija Covid-19, is-sentenza ma setgħetx tingħata qabel illum.

**Fatti**

26. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Emanuel u Margaret Farrugia huma l-ġenituri ta' Adolf Farrugia, żagħżugħ ta' wieħed u għoxrin sena illi fit-22 ta' Awwissu 1999, instab mejjet ġewwa garage tal-familja, riżultat ta' overdose ta' droga eroina.

27. Jirriżulta illi wara investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-każ u stqarrija ta' Paul Busuttil mogħtija fit-8 ta' Jannar 2005, fit-8 ta' Jannar 2005 stess l-intimat Mario Magri irrilaxxja Stqarrija lill-Pulzija fejn stqarr illi kien ma' Adolf Farrugia fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Awwissu 1999 jikkonsmaw id-droga flimkien, meta iben ir-rikorrenti, Adolf, ħa droga flimkien miegħu iżda miet riżultat ta' l-istess, filwaqt illi l-intimat, li kien intilef minn sensieh, meta eventwalment reġa' qam, sab lil Adoph Farrugia mejjet u ħarab 'l hinn wara illi mesaħ lil Adolf b'ċarruta. (fol 299-301)

28. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-31 ta' Jannar 2005, l-intimat Mario Magri tressaq il-Qorti akkużat talli:

    1. ***forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura droga eroina illegalment,***

    2. ***b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamtni, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia,***

    3. ***kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina illegalment.***

29. Jirriżulta illi fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-intimat ħati tat-tlett imputazzjonijiet u kkundannatu piena ta' tlett snin priġunerija u multa ta' elfejn Liri Maltin (Lm2,000). (fol 536)

30. Jirriżulta illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet ikkonfermata fl-intjier tagħha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 2009. (fol 6)

31. Jirriżulta illi fl-**10 ta' Novembru 2006**, ir-rikorrenti ippreżentaw Ittra Uffiċjali kontra l-intimat fejn l-intimat ġiet interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent wara li b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati Ġudikatura Kriminali instab ħati talli kkaġuna l-mewt ta' binhom Adolf Farrugia. Dina l-Ittra ġiet lilu notifikata fil-15 ta' Novembru 2006. (fol 22)

32. Jirriżulta illi fit-23 ta' Ottubru 2009, ir-rikorrenti bdew il-proċeduri odjerni.

## Provi

33. Jirriżulta illi l-provi prodotti quddiem dina l-Qorti kienu kemm provi imressqa permezz ta' xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti, kif provi mressqa ukoll permezz ta' dokumentazzjoni ppreżentata mill-istess partijiet formanti parti mid-dokumentazzjoni imressqa fil-proċeduri kriminali meħuda kontra l-intimat.

34. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Mario Magri kien ħabib ta' Adolf Farrugia, iben ir-rikorrenti, u kienu jiffrekwentaw lil xulxin regolarment flimkien ma' oħrajn.

35. Jirriżulta wkoll illi, dakinhar illi iben ir-rikorrenti ikkonsma d-droga fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Awwissu 1999 li eventwalment wasslet għall-mewt tiegħu, l-intimat Mario Magri kien qiegħed jikkonsma tali droga flimkien miegħu wkoll u sussegwentement, hekk kif l-intimat reġa' f'sensieħ, wara li t-tnejn li huma ntilfu minn sensihom riżultat ta-teħid ta' droga, huwa sab lil Adolf Farrugia mejjet u, ħarab il-barra mill-garage.

36. Fi stqarrija illi l-intimat Mario Magri ta' lill-Pulizija fit-8 ta' Jannar 2005, u li huwa stess eżebixxa fl-atti tal-kawża odjerna, l-intimat qal is-segwenti: (fol 300)

> *D: Xi ħin Adolph Farrugia ġie ħdejkom?*
> *R: Ngħid illi Adolph għall-ħabta ta' xi l-ħdax u nofs jew nofs il-lejl ġie bil-karozza tiegħu mhux ċert jekk kinetx Peugeot u għajjatli ħdejn il-karozza tiegħu. Niftakar li Adolph kien jidher xurban u qalli biex immur miegħu u urieni basket tal-plastic u qalli li kellu l-imbarazz. Jiena dak il-ħin mort miegħu u wara li dorna dawra ma' Ħal Safi Adolph ipparkja l-misraħ. Wara li morna fil-garage dħalna ġewwa xi ħadd minna għalaq il-bieb tal-garage u Adolph beda jssajjar l-eroina jekk kienx fuq il-mejda mhux ċert. Wara li Adolph ħa l-eroina bil-labra u jiena ħadt l-eroina tiegħi, t-tnejn intlifna minn sensina, wara xi ħin jiena qomt u sibt li Adolph kien spicca u minn fuq is-siġġu poġġejtu fuq is-sodda. U ħriġt 'il-barra għax bżajt u ħassejt hekk dak il-ħin.*
>
> *D: Tiftakar x' ħin kien dak il-ħin li ħriġt 'il-barra?*
> *R: Naħseb kienu għaddew tlett siegħat għax jiena kont iebes ukoll.*
>
> *D: Ngħid sewwa li qabel ħriġt 'il-barra inti msaħt lil Adolph b'biċċa ċarruta imxarrba?*
> *R: Iva pruvajt nimsħu b'biċċa ċarruta imxarrba biex forsi jiġi f'tiegħu għax jiena ma ħsibtx li kien mejjet.*

37. Jirriżulta illi, għalkemm il-mewt ta' Adolf Farrugia seħħ f'Awwissu 1999, kien biss fis-sena 2005 illi l-Pulizija kellhom indikazzjoni ċara li l-intimat Mario Magri kien involut, b'xi mod, fil-mewt ta' Farrugia, u dana wara illi ċertu **Paul Busuttil**, ħabib kemm tal-intimat kif ukoll ta' Adolf Farrugia, kien għadda informazzjoni importanti. Tali informazzjoni tidher fi stqarrija illi l-istess Paul Busuttil kien ta u kkonfermaha bil-ġurament ukoll (fol 466) fejn huwa qal lill-Pulizija s-segwenti: (fol 134)

> *Ngħid illi dakinhar jiena u Mario Magri morna nixtru gramma (smack) eroina mingħand wieħed magħruf bħala iċ-Ċikli li joqgħod Ħal Safi, ngħid illi dakinhar kemm jiena u Mario morna il-każin tal-football ta' l-Imqabba dak iż-żmien iċ-Ċikli kellu l-Bar tal-Każin. Mistoqsi x'ħin kien il-ħin ngħid li kien għall-ħabta ta' xi nofs inhar. Meta wasalna, iċ-Ċikli tana gramma iżda peress li ma kellniex flus baqgħet dejn. Mistoqsi ġo xiex kienet imqarsta l-eroina ngħid li kienet imqarsta ġewwa qartas tal-karti. Min hemm jiena u Mario morna l-għalqa tiegħi, li għandi f'tal-Ġarra limiti ta' Ħal-Safi u filgħaxija niftakar li kelli tieġ u filgħaxija jiena u Mario erġajna morna nieħdu daqqa oħra mill-istess gramma. Minn hemm jiena mort it-tieġ ta' waħda Rita u Teddy li kien sar is-sala li hemm quddiem Għar Dalam. Filgħodu niftakar li kif qomt ommi kienet infurmati li x'ħin kienet dieħla l-Quddiesa saret taf li lil Adolph kienet sabitu ommu mejjet ġewwa l-garage. Wara li ħadt bela' te' jiena kont sibt lil ċertu wieħed jgħidulu l-Ferħ u qalli li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza għal, Sulina, irid nispjega li Sulina hu (il-laqam ta') Mario Magri li jiena rreferejt għalih qabel. Ftit wara jiena mort għal Sulina, jiġifieri għal Mario, għax bżajt li kien seta' spiċċa ħażin ukoll, u wara li fetaħli missieru, jiena bdejt nimxi fil-kurutur ta' isfel u kif jiena staqsejt lil Mario, jekk kienx jaf x'ġara, Mario qalli " żgur miet ic-Capua" nispjega li c-Capua kien il-laqam ta' Adolph. Wara li libes niftakar li Mario is-Sulina qalli li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi, quddiem il-każin tal-Banda u talbu biex immorru jieħdu daqqa eroina, <u>Mario kompla biex qalli li marru l-għalqa bil-Peugeot ta' Capua u marru il-garage fejn instab mejjet ic-Capua</u>, meta kienu hemm Mario irrakontali li Adolph kien sajjar l-eroina u li kien għamel ħafna u li meta Adolph faqqa' l-eroina fuq is-siġġu Adolph kien baqa' fuq is-siġġu u <u>wara li tefgħu fuq is-sodda qalli wkoll li kien mesaħ lil Adolph mill-</u>*

> *fingerprints b'biċċa ċarruta imxarrba. Ngħid illi Mario qalli wkoll li meta faqqa' hu, jiġifieri Mario, kien ġie gravi wkoll u raqad fuq xi saqqu u meta ġie lura f'tiegħu qalli li kien ra lil Adolph spiċċa u prova jitla' mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garage kien hemm toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tiflaxxja beża' u ħareġ mill-garage. Mario qalli wkoll li hu xtaq joħroġ mix-shaft biex iħalli l-bieb tal-garage magħluq, Mario qalli wkoll li kull ma setgħu jaqbduh il-PuIizija kien mill-fingerprints li seta' ħalla mal-garage . Dakinhar stess il-Ħadd Mario qalli li l-kumplament li kien fadal mid-droga is-siringi, l-imgħarfa u s-citric kien ħbihom ġewwa sqaq li hemm qrib id-dar tiegħu u xi tlett ġimgħat wara konna morna narmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra fi skip il-Mosta ħalli żgur ma jinstabux.*

38. Jirriżulta illi, l-ewwel Qorti, ossija il-Qorti tal-Maġistrati, ppresjeduta mill-Imħallef (dakinhar Maġistrat) Lawrence Quintano, kellu dan xi jgħid dwar l-akkuża illi saret lill-intimat Magri illi huwa kien responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia: (fol 544)

> *40. Fil-mertu, ukoll jekk Adolph Farrugia kien jieħu d-droga, ukoll jekk sajjarha hu, meta l-imputat forna lill-mejjet bl-eroina — ukoll jekk bla flus xorta kien qed jikser ir-regolamenti u l-liġijiet dwar id-droga. Ukoll jekk lill-persuna l-oħra tindikalha minn fejn tista' ġġib id-droga int tkun qed tittraffika skond l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 u qed tikser kemm ir-regolamenti tal-GN 292/1939 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap imsemmi. Hawn il-Qorti sejra tirreferi għall-każ deċiż fil-21 ta' Marzu 1996 Appell Numru 126/95 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta minn (dik iż-żmien) l-Onor Dr. Vincent Degaetano (illum Prim Imħallef) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) versus Richard Grech' fejn il-Qorti kienet qalet hekk:*
>
>> *3. "L-omiċidju kolpuż hu trattat fil-liġi tagħna fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, ġia' l-artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli" il-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imħallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*
>>
>> *"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti - konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ('imprudenza"), ("imperizia") fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' każwalita', minn event dannuż involontarju. Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, ċioe', illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret" (Kollez. Deċiż. Vol. XLV. iv. 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti).*
>>
>> *Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - ċioe' l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari - tgħallem li f'dawn il-*

*każijiet wieħed għandu jieħu ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu preġudikati.*

*"Sorgono per tal modo" ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita' pubblica o privata, a fissure queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato; tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver volute il fatto proibito, rnentre nei fatto Incolpevole (il C.d. caso fortuito) nessu biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale. Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-espożizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni", u "nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk irregoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti." Hu appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti il-leġislatur mhux qed jirreferi biss għal leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet ecc), iżda għal kull forma ta' kondotta statutorja stabbilita', u għalhekk qed jirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privata (per ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco l-espressjoni użata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' għat-tħaris ta' terzi tammonta għal negliġenza jew imprudenza, il-għaliex huwa ċertament imprudenti jew negliġenti mhux biss min jitraskura li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, iżda wkoll min jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet speċifikament preskritti minn xi awtorita'.*

*4. **Mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, il-ħsara - ħsara fiżika jew mentali, jew mewt - li setgħet tiġi kaġunata bl-użu ossia amministrazzjoni ta' din id-droga, kienet prevedibbli għall-appellant. Fi kliem ieħor, hu wera kemm imprudenza kif ukoll traskuraġni meta għadda l-eroina lill-vittma.** Kif jispjega l-ġurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7, Parte 2, v. Colpa (materiale penale), Diritto Vigente, p. 775), **jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tiprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi nnegazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero' il-ħsara tkun***

***prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp dolut b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta. Fil-każ in diamina l-appellant forna l-eroina evidentement biex din tiġi użata dan hu l-element pożittiv tan-ness kawżali; mill-banda l-oħra ma jirriżultax li l-ħsara, il-mewt f'dan il-każ, kienet dovuta għal xi konkors ta' fatturi eċċezzjonali - l-element negattiv tan-ness kawżali (ara Antolosei, F . p. 214). Fi kliem ieħor, kieku ma kienx għall-eroina li forna l-appellant, Derk Fenech ma kienx imut meta miet. (L-istess kumment jgħodd għall-każ odjern).***

*5. Pero' f'dan il-każ hemm element ieħor li jikkonkretizza n-negliġenza ta' l-appellant; l-inosservanza ta' regolamenti. Il-liġi stess - l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha tipprovdi li ħadd ma għandu jforni eroina jekk mhux meta jkun debitament awtorizzat skond l-istess liġi. Dan id-divjet hu intiż propju biex jevita l-ħsara li tista' tiġi kaġunata minn dawn il-mediċini ossia drogi. Meta si tratta tan-non-osservanza ta' dawn it-tip ta' regolamenti, il-kwistjoni tal-previdibbilita' tal-ħsara tassumi importanza minima:*

*"Il criterio della previdibilita', se e' veramente indispensabile per accertare l'imprudenza e la negligenza generica, non esplica, per l'incontro, alcuna funzione nei casi di colpa derivanti da inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. In tale settore, siccome l'attivita' pericolosa e' disciplinata da apposite regole, basta che sia accertata la violazione di una di queste perche' sorga la responsabilita'; il che si spiega, considerando che l'inosservanza delle norme precauzionali sancite espressamente dalle autorita', di per se stessa concreta quell'imprudenza o negligenza che costituisce la caratteristica essenziale della colpa." (Antolosei, E op. cit, p. 326).*

39. Jirriżulta, finalment, illi l-Qorti tal-Appell, fil-konsiderazzjonijet tagħha dwar responsabbilta' ta' l-intimat, kellha dan xi tgħid: (fol 14)

*Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba kontra l-appellant. M'hemm l-ebda dubju li l-proċeduri ġew istitwiti kontra tiegħu wara li Paul Busuttil – li kien wieħed mill-indagati fi żmien il-mewt ta' Adolph Farrugia – mar minn jeddu għand il-Pulizija sabiex jagħti dik li skond hu kienet il-verita` dwar dak li ġara fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Awwissu 1999.*

*Fl-istqarrija tiegħu, li huwa kkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Paul Busuttil qal li meta kien kellmu s-Supt. Harrison dwar il-mewt ta' Adolph Farrugia, ma kienx qal il-verita` għax ħenn għall-appellant u beza' li kieku qal il-verita` kienu jtajrulu rasu lill-appellant. Qal li għax baqa' sieket milli jgħid il-verita` qiegħed ibati hu. Qal li dakinhar filgħodu hu u l-appellant kienu xtraw gramma eroina mingħand wieħed magħruf bħala iċ-Ċikli. Marru l-għalqa ta' Busuttil f'Tal-Ġarra limiti ta' Ħal Safi u filgħaxija reġgħu marru jieħdu daqqa oħra mill-istess gramma. Minn hemm mar tieġ u filgħodu meta qam, ommu nfurmatu li lil Adolph kienet sabitu ommu mejjet ġewwa il-garaxx. Wara li ħa bela' te` sab lil wieħed jgħidulu l-Ferħ li qallu li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza għas-Sulina (jigifieri Mario Magri). Ftit wara mar għand l-appellant għax beza' li seta' spiċċa ħażin ukoll u wara li fetaħlu missieru, "jiena bdejt nimxi fil-kuritur ta' isfel u kif jiena staqsejt lil Mario jekk kienx jaf x'ġara, Mario qalli 'żgur miet ic-capua' – nispjega li 'ic-capua' kien il-laqam ta' Adolph. Wara li libes niftakar li Mario s-Sulina qalli li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi quddiem il-każin tal-banda u talbu biex imorru jieħdu daqqa eroina. Mario kompla biex qalli li marru l-għalqa bil-Peugeot ta' capua u marru l-garage fejn instab mejjet ic-*

*capua. Meta kienu hemm Mario rrakkontali li Adolph kien sajjar l-eroina u li kien għamel ħafna u li meta Adolph faqqa' l-eroina fuq is-siġġu Adolph kien baqa' fuq is-siġġu u wara li tefgħu fuq is-sodda qalli wkoll li kien mesaħ lil Adolph mill-fingerprints b'biċċa ċarruta mxarrba. Ngħid illi Mario qalli wkoll li meta faqqa' hu, jigifieri Mario, kien ġie gravi wkoll u raqad fuq xi saqqu u meta ġie lura f'tiegħu qalli li kien ra lil Adolph spiċċa u prova jitla' mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garage kien hemm toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tifflaxxja beża' u ħareġ mill-garage. Mario qalli wkoll li hu xtaq joħroġ mix-xaft biex iħalli l-bieb tal-garage magħluq. Mario qalli wkoll li kull ma setgħu jaqbduh il-Pulizija kien mill-fingerprints li seta' ħalla mal-garage. Dakinhar stess il-Ħadd Mario qalli li l-kumplament li kien fadal mid-droga s-siringi, l-imgħarfa u s-citric kien ħbihom ġewwa sqaq li hemm qrib id-dar tiegħu u xi tliet ġimgħat wara konna morna narmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra f'skip il-Mosta ħalli żgur ma jinstabux."*

*Meta Paul Busuttil xehed quddiem l-ewwel Qorti, fix-xhieda tiegħu bażikament ikkonferma dak li qal fl-istqarrija lill-Pulizija. Pero` spjega illi wara li hu u l-appellant xtraw il-gramma eroina mingħand "Iċ-Ċikli", marru ħadu daqqa l-għalqa tiegħu (ta' Busuttil) u filgħaxija qabel it-tieġ marru jieħdu daqqa oħra "u ħbejnieha [d-droga] fejn konna naħbuha s-soltu". Dwar x'ġara meta Adolph Farrugia mar għall-appellant il-pjazza spjega:*

> *"Xhud: Imbagħad marru l-għalqa, ġabu minn fejn kienet moħbija, ġabu minn fejn konna naħbuha jien u Mario, għax jiena u Mario konna nieħdu. Ġabuha, marru l-garaxx.*
>
> *Pros : Eżattament fejn kontu taħbuha inti u Mario ?*
> *Xhud : L-għalqa tiegħi.*
>
> *Pros : Għandha xi isem partikolari din l-għalqa ?*
> *Xhud : Tal-Ġarra."*

*L-appellant ġie arrestat wara li Paul Busuttil mar għand il-Pulizija biex jgħid dak li kien sar jaf. L-appellant ta l-verzjoni tiegħu lill-Pulizija fl-istqarrija li huwa għamel fit-8 ta' Jannar 2005. Fiha ammetta li kien ma' Adolph fil-lejl in kwistjoni. Jgħid li Adolph mar għalih xil-11.30 p.m. Jgħid li Adolph kien jidher xurban "u qalli biex immur miegħu u urieni basket tal-plastic u qalli li kellu l-imbarazz. Jiena dak il-ħin mort miegħu u wara li dorna dawra ma' Ħal Safi Adolph ipparkja l-misraħ. Wara li morna fil-garage dħalna ġewwa xi ħadd minna għalaq il-bieb tal-garage u Adolph beda jsajjar l-eroina jekk kienx fuq il-mejda mhux ċert. Wara li Adolph ħa l-eroina bil-labra u jiena ħadt l-eroina tiegħi t-tnejn intlifna minn sensina, wara xi ħin jiena qomt u sibt li Adolph kien spiċċa u minn fuq is-siġġu poġġejtu fuq is-sodda u ħriġt 'il barra għax bżajt u ħassejt hekk dak il-ħin." Lil Adolph ipprova jimsħu b'biċċa ċarruta mxarrba biex forsi jiġi f'tiegħu. Ma ppruvax joħroġ mix-xaft għax ma felaħx jimxi. Qal li hu kien jixtri l-eroina mingħand Għarbi li kien jaħdem miegħu fuq ix-xogħol iżda dik li kellu Adolph ma jafx minn fejn ġabha. Is-siringi li użaw, u li kienu fil-borza li kellu Adolph, ħbihom ġo ħajt u wara remihom fi skip.*

*Din il-verżjoni mhux ġuramentata tikkontrasta ma' dik ġuramentata ta' Paul Busuttil prinċipalment in kwantu jirrigwarda dak li għamlu bejn il-ħin li Adolph Farrugia u l-appellant iltaqgħu fil-pjazza u li marru l-garaxx ta' Farrugia, il-provenjenza ta' l-eroina, u r-raġuni għaliex l-appellant ma ppruvax joħroġ mix-xaft. **<u>Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li l-appellant ipprova jagħmel fl-istqarrija tiegħu kien biss tentattiv ta' damage control ġaladarba l-Pulizija issa kienu a konoxxenza tal-fatt li huwa kien l-aħħar persuna li ra lil Adolph Farrugia ħaj.</u>***

*L-appellant jgħid li wara li Farrugia mar għalih il-pjazza, daru dawra ma' Ħal Safi. Jekk il-ħsieb ta' Farrugia kien li jieħdu daqqa, jagħmel sens li l-ewwel imorru dawra*

*ta' xejn? X'kienet ir-raġuni ta' din id-dawra? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta tinsab f'dak li xehed Paul Busuttil li kien qallu l-appellant – li marru l-għalqa ta' Busuttil għall-eroina li kien għad baqa' minn dik li kienu xtraw u użaw dakinhar stess. L-appellant jgħid li l-eroina li kien juża hu kien jixtriha mingħand Għarbi li kien jaħdem miegħu iżda ma joffrix dettalji tiegħu. Mill-banda l-oħra Busuttil speċifikatament semma' li hu u l-appellant kienu xtraw dakinhar stess mingħand wieħed Charlie ċ-Ċikli li joqgħod Ħal Safi u li dak iż-żmien kellu l-bar tal-każin tal-football tal-Mqabba. L-appellant jgħid li hu ma felaħx jimxi aħseb u ara kemm sejjer joħroġ mix-xaft. Pero` Busuttil jgħid li l-appellant kien qallu li xtaq joħroġ mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garaxx kienet toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tifflaxxja beża' u ħareġ mill-garaxx. Huwa aktar verosimili dak li qal Busuttil peress illi dettal bħalma hu dak li l-appellant sema' lil Trudy tifflaxxja seta' sar jafu biss mingħand l-appellant. Fil-fatt Trudy Camilleri xehdet illi għall-ħabta tas-2.00 a.m. qamet minħabba t-tifla marret fit-toilet u meta hi daħlet fil-kamra tal-banju li għandha tieqa li tagħti għax-shaft in komuni mal-garaxx, osservat li fil-garaxx kien hemm id-dawl u semgħet leħen ta' raġel jgħid "Xi sħana hawn" u li dan ma kienx leħen Adolph għax il-vuċi tiegħu tagħrafha; kif użat il-flushing id-dawl ta' isfel intefa'. Din il-Qorti inoltre tistaqsi: kieku Adolph Farrugia kellu diġa` l-eroina fil-pussess tiegħu, kellu għalfejn jitlob lill-appellant imur miegħu biex ikollu jaqsam ma' l-appellant minflok iżommha kollha għalih? Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li Adolph Farrugia kien qallu li dakinhar kien diga` ħa eroina qabel ma mar il-każin. Pero` mir-rapport ta' l-espert medikolegali Dr Mario Scerri jirriżulta li puntura waħda friska kien hemm fl-id il-leminija kif jidher mir-ritratt numru 5 anness ma' l-istess rapport (paġna 10 tar-rapport). Minn dan kollu għalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni li tiskarta x-xiehda ta' Paul Busuttil u setgħet għalhekk legalment u raġjonevolment tifhem, kif del resto tifhem din il-Qorti mill-bran suriprodott, li meta Adolph Farrugia u l-appellant telqu flimkien mill-pjazza l-ewwel marru l-għalqa ta' Busuttil biex iġibu l-eroina li kienet moħbija u kienet proprju dik l-eroina li ntużat minn Farrugia u mill-appellant.*

40. Jirriżulta illi l-konsiderazzjonijiet fuq magħmula kienu bbażati fuq provi illi ġew imressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ri-eżaminati mill-Qorti tal-Appell, liema provi ġew riprodotti bħala provi prinċipali, għal darba oħra, quddiem dina l-Qorti, għall-konsiderazzjoni ta' dina l-Qorti, mill-ġdid fuq il-meritu tal-kawża odjerna.

41. Jirriżulta illi l-intimat qatt ma xehed fil-kawża odjerna u strieħ prinċipalment fuq provi dokumentarji.

## Difiża

42. Jirriżulta illi l-intimat, fid-difiża tiegħu kienet ibbażata fuq erba' linji difensjonali, ossija s-segwenti:

    a. L-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

    b. Ir-rikorrenti jridu jippruvaw illi huwa l-werrieta.

    c. L-intimat ma huwiex responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia u għalhekk mhux responsabbli għall-danni.

d. Ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni.

43. Ikun għalhekk opportun biex il-Qorti tevalwa kull waħda mill-Linji difensjonali.

- **Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili**

44. Jirriżulta illi l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) jipprovdi illi:

> *(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, **għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali**.*
>
> *(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, jgħaddi kemm jgħaddi żmien.*

45. Jirriżulta illi r-reat illi tiegħu l-intimat Mario Magri qiegħed issa jintalab iħallas ħlas għal ħsarat huwa r-reat ipprovdut fl-Artikolu 225 ta' Kodiċi Kriminali (Kap 9), illi jipprovdi li ġej:

> *(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

46. Jirriżulta illi a tenur tal-Artikolu 668 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9):

> *Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*
>
> .....
>
> *(d) bl-egħluq ta' **ħames snin** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*
>
> *(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

47. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-sena 1999, il-perjodu preskrittiv kien differenti, u dana kif korrettament irrilevat il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha fejn osservat is-segwenti:

    *Dwar it-tieni imputazzjoni l-Qorti l-ewwel kienet ikkonfrontata bil-kwistjoni ta' l-ammenda fil-Liġi. Fl-1999 il-piena kienet ta' mhux iżjed minn sentejn ħabs jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn Lira. Minħabba li l-piena żdiedet u mhux naqqset, il-Qorti sejra tikkonsidra is-sitwazzjoni kif kienet fl-1999. Hawnhekk kienet japplika l-artikolu 688 (d) ħames snin (għall-karċerazzjoni) u 688 (e) sentejn għall-każ ta' multa.*

48. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9):

    *Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf.*

49. Jirriżulta, illi għar-reat li abbażi tiegħu ir-rikorrenti qed jitolbu l-ħlas ta' danni, l-intimat ġie ikkundannat piena ta' tlett snin priġunerija u elfejn liri Maltin multa.

50. Jirriżulta illi l-azzjoni kriminali inbdiet kontra l-intimat Mario Magri fil-**31 ta' Jannar 2005**.

51. Jirriżulta illi, qabel dakinhar, ir-rikorrenti ma kinux a konoxxenza tal-fatt illi Mario Magri seta' kien il-persuna ħati tal-mewt ta' binhom Adolf.

52. Jirriżulta illi l-Ittra Uffiċjali lill-Mario Magri intbagħtitlu fl-**10 ta' Novembru 2006**, ossija ferm entro t-terminu preskrittiv kif fuq spjegat.

53. Għalhekk, id-difiża ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kap 12 ma għandhiex bażi sabiex tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

- **Prova illi r-rikorrenti huma l-werrieta**

54. Il-Qorti tgħid, mingħajr ebda tlaqliq, illi tali eċċezzjoni hija waħda frivola u vessatorja intiża unikament sabiex taggrava u tiffrustra lir-rikorrenti u tipprova titfa' dell fuq il-kapaċita' ta' l-istess rikorrenti illi jmexxu l-kawża odjerna.

55. Il-Qorti tosserva wkoll illi, bid-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti stess mar-rikors promotur, jirriżulta ben ċar illi Adolph Farrugia kien iben ir-rikorrenti, u dana kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid, u li meta miet ta' wieħed u għoxrin sena, miet bla testment.

56. Għalhekk, ma kien hemm assolutament ebda raġuni għaliex l-intimat kellu jqajjem tali difiża, għajr sabiex jipprova jpattiha lir-rikorrenti talli, allegatament kif jikkontendi l-intimat f'allegazzjonijiet minnu magħmula, r-rikorrent spara tir

fid-direzzjoni ta' l-intimat, liema allegazzjoni qatt ma ġiet ippruvata u qatt ma tressaq mill-Pulizija.

57. Il-Qorti ser tassikura ruħha illi tali tip ta' eċċezzjonijiet frivoli, inutili u vessatorji jiġu puniti kif mistħoqq, meta tikkunsidra l-kap tal-ispejjeż.

- **L-intimat ma huwiex responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia u għalhekk mhux responsabbli għall-danni**

58. L-intimat jikkontendi illi huwa ma għandux jinsab responsabbli għall-mewt ta' Adolph Farrugia, għalkemm kemm il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali t-tnejn sabuh ħati talli "*b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia*".

59. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, eżaminaw fir-reqqa l-provi prodotti quddiemhom u, wara eżami akkurat tal-fatti, ikkonkludew illi kien hemm provi biżżejjed, mhux fuq bażi ta' probabbilta', bħalma huwa rikjest fi proċeduri ċivili, iżda fuq bażi ta' lil hinn minn kull dubju, bħalma huwa rikjest fi proċeduri kriminali, illi l-intimat Mario Magri kien ħati talli ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia.

60. Il-Qorti tħoss illi tali difiża, kif redatta, partikolament ukoll in vista tal-fatt illi l-provi **KOLLHA** prodotti quddiem iż-żewġ qrati fuq imsemmija, <u>reġgħu ġew riprodotti</u> mill-intimat **IN TOTO** quddiem dina l-Qorti w l-intimat qatt ma xehed fil-kawża odjerna, hija tentattiv ta' l-intimat sabiex jikkontesta l-ħtija tiegħu, għat-tielet darba.

61. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża '**Maria Debono et vs Michelina Apap et**' deċiża fid-29 ta' Novembru 2013 fejn, meta l-parti telliefa, fl-appell tagħha, allegat illi l-ewwel Qorti, fil-kawża ċivili, straħet wisq fuq dak li ġie deċiż fil-proċess kriminali, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid:

> *"19. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li ċaħdet it-talba tal-konvenuti biex titneħħa mill-inkartament is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Mejju 2003. Dan l-aggravju fissruh hekk:*
>
> *"… … … l-ewwel qorti … ġiet influwenzata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u direttament jew indirettament għamlet tagħha l-argumenti li ġew adottati mill-Qorti tal-Appell Kriminali mingħajr ma għamlet apprezzament indipendenti u valutazzjoni sostantiva tal-provi kollha fil-kawża ċivili fosthom ta' xhieda li ma kinux xehdu fil-kawża kriminali … … … Iż-żewġ azzjonijiet huma separati u indipendenti minn xulxin u ġudikat favur jew kontra f'sede penali jitqies li jkun ingħata bla ħsara tal-azzjoni ċivili u dak deċiż f'sede penali bl-ebda mod ma kellu jimpinġi u wisq aktar li jiddomina l-ġudizzju tal-ewwel qorti meta l-provi fil-kawża ċivili kienu sostanzjalment ivarjaw mill-provi fil-kawża kriminali. L-ewwel qorti iffurmat opinjoni preġudikata kontra l-*

> *konvenuti appellanti bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u fejn din l-aħħar qorti għażlet li temmen verżjoni minn oħra dwar inċident partikolari li kien limitat għal okkażjoni waħda. L-ewwel qorti iġġeneralizzat u għażlet li temmen lill-attriċi f'kollox minkejja l-fatt li x-xhieda tagħha fiha kontradizzjonijiet lampanti l-aktar meta tiġi eżaminata fid-dawl ta' xhieda newtrali u disinterassati … … … Fiċ-ċirkostanzi t-talba tal-konvenuti appellanti għall-isfilz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet għalhekk ġustifikata. … … …"*
>
> *20. Dan l-aggravju jolqot x'aktarx il-piż probatorju li għandu jingħata lis-sentenza, milli l-produċibilità tagħha. Ma hemmx dubju illi s-sentenzi mogħtija f'kawża jistgħu jinġiebu bħala prova f'kawżi oħra; kif sewwa osservat l-ewwel qorti, hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi fl-art. 627 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili li tgħid illi l-atti tal-qrati tal-ġustizzja "huma ammissibbli bi prova". <u>Ċertament, l-ewwel qorti ma kinitx marbuta li toqgħod fuq is-sentenza kontra l-konvinċiment tagħha, iżda daqstant ieħor ma kinitx marbuta li tiskartaha, kif iridu l-konvenuti, jekk kienet tal-fehma illi setgħet toqgħod fuqha.</u>*

62. Il-Qorti tagħmilha ċara illi fliet fir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha eżebiti quddiem dina l-Qorti, kemm dawk mir-rikorrenti, illi kienu jinkludu l-istatements kollha meħuda mill-Pulizija, kif ukoll il-Proċess kollu tal-kawża kriminali, eżebiti mill-intimat, u ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tasal għall-istess konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati Malta kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-intimat, Mario Magri, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia.

63. Jirriżulta, di fatti, mill-provi kollha ppreżentati, illi ħareġ ċar illi l-intimat iltaqa' ma' Adolf Farrugia tard bil-lejl tal-20 ta' Awissu 1999, wara illi kellmu Adolf Farrugia, u dana sabiex imorru jikkunsmaw droga flimkien.

64. Jirriżulta ċar ukoll, mill-Istqarrija ta' Paul Busuttil (fol 134), illi d-droga illi ġiet ikkunsmata minn Adolf Farrugia u l-intimat fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Awwissu 1999 kienet droga illi l-istess intimat, flimkien ma' Paul Busuttil, kien akkwista mingħand ċertu wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli, aktar kmieni filgħodu ta' dakinhar.

65. Jirriżulta, anke ammess mill-istess intimat fl-Istqarrija tiegħu stess (fol 299), u minnu eżebita fl-atti tal-kawża odjerna, illi wara li t-tnejn li huma kienu ntilfu minn sensihom hekk kif ħadu d-droga, l-intimat reġa' ġie f'sensieh u sab lil Adolf Farrugia mejjet **<u>iżda</u>**, flok ma għajjat għall-għajnuna, huwa mesaħ lill Adolf Farrugia u ħarab mill-garage, wara illi pprova, mingħajr suċċess, jaħrab minn x'imkien ieħor sabiex iħalli l-bieb tal-garage magħluq.

66. Jirriżulta wkoll ammess mill-istess intimat fl-Istqarrija tiegħu u kkonfermata minn Paul Busuttil, illi kemm id-droga kif ukoll is-siringa illi kien uża Adolf Farrugia dakinhar illi għamel overdose u eventwalment miet, l-intimat ħadhom miegħu meta ħarab mill-garage u eventwalment remihom ġo skip f'lokalita' 'l bogħod minn fejn seħħ l-akkadut ftit ġimgħat wara – il-garage fejn miet Adolf Farrugia kien ġewwa Ħal Safi filwaqt illi d-droga remiha ġo skip il-Mosta.

67. Finalment, jirriżulta mill-Istqarrija ta' Paul Busuttil, illi l-intimat kien stqarr miegħu illi huwa kien mesaħ lill-Adolf Farrugia meta sabu mejjet, sabiex ineħħi l-“fingerprints” tiegħu minn fuq il-ġisem mejjet ta' Adopf Farrugia, u dana bil-għan illi l-Pulizija ma jkollhomx provi li jimplikaw lill-intimat.

68. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju illi d-droga illi Adolf Farrugia ikkonsma u li eventwalment miet biha kienet lilu pprovduta minn l-intimat Mario Magri u ma għandha ebda dubju wkoll illi, minħabba f'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni ta' l-intimat Mario Magri, huwa kkawża l-mewt ta' Adolf Farrugia, tal-eta' ta' wieħed u għoxin sena, li miet minn overdose ta' droga.

- **Ir-rikorrenti ma soffrew ebda dannu**

69. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi hija inkonċepibbli kif jista' qatt l-intimat jikkontempla illi jgħid illi r-rikorrenti, bħala ġenituri ta' Adolf Farrugia, ma soffrew ebda danni riżultat tal-mewt traġika tiegħu, fl-eta' żgħira ta' wieħed u għoxrin (21).

70. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili illi jipprovdi dan li ġej:

> *(1) ll-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*
>
> *Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*
>
> *Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, l-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

71. Jirriżulta illi fil-każ odjern, l-azzjoni odjerna hija waħda ta' danni mitluba mir-rikorrenti, bħala eredi ta' Adolf Farrugia, u dana in vista tal-mewt ta' Adolf Farrugia b'riżultat ta' overdose minn droga pprovduta minn l-intimat, u li għaliha l-intimat instab kriminalment responsabbli tar-reati minnu kommessi.

72. Jirriżulta illi l-artikolu 1046 tal-Kap 16 jipprovdi hekk -

*Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.*

73. Il-Qorti tosserva illi dwar l-artikolu 1045 u 1046 tal-Kap 16 fil-każ '**Frank Brincat et vs Claudia Camilleri et**' deċiż fis-26 ta' Novembru 2010, intqal is-segwenti:

*F'dan il-każ jistgħu jingħataw danni bħal li kieku kienet tirriżulta inkapaċita' totali u d-danni għandhom jiġu kalkolati skond il-provedimenti tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu ta' wara (Artikolu 1046) jitkellem dwar id-danni li huma intitolati għalihom il-werrieta tal-parti li tkun mietet.......Għalhekk l-artikolu 1045 u l-artikoli 1046 huma espressament applikabbli għal dan il-każ ċioe' fejn hemm involut każ ta' mewt minħabba inċident. Għalhekk din l-azzjoni qed issir mill-eredi ta' Antoine Brincat skond l-imsemmija artikoli. M'hemmx dubju li l-eredi tal-mejjet għandhom dritt li jitolbu kumpens mingħand min ikkaġuna l-istess mewt.*

*L-atturi qed jippretendu li jingħataw kumpens għat-telf tal-"lucrum cessans" u, kif ġia ngħad, tali kumpens għandu jiġi mqabbel mal-kumpens li jiġi likwidat f'każ ta' inkapaċita' totali. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppa Cortis et vs Cecil Baker nomine" tal-31 ta' Jannar 1997 irriteniet li "l-fatt li l-leġislatur uża l-kelma 'eredi' mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi mogħtija iure ereditatis għax biex azzjoni tkun tali qabel xejn trid tkun tirrigwarda xi beni li kien ġa fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet…għalhekk l-interpretazzjoni li trid tingħata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi huma vestiti b'dik l-azzjoni bħala dritt lilhom trasfuż mill-vittma, iżda inveċi li, għalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-drittt minħabba l-mewt tiegħu, dan isir ope legis u bħala dritt minħabba l-mewt tiegħu, dan isir ope legis u bħala dritt proprio tagħhom, li hu kunċett sostanzjalment differenti, u għalhekk mhuwiex dritt reċepit mill-massa ereditarja, għax hawn mhux qed nitkellmu iżjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tiegħu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt ħajtu taħt l-artikolu 1088 (illum l-artikolu 1045) u li ma kellux żmien jesperixxi għalih innifsu sakemm miet, iżda fuq ordni ieħor ta' ideat.*

*Id-dritt għar-risarċiment għad-danni hu ukoll dritt patrimonjali li jintiret bħall-drittijiet oħra u ma jiġix modifikat għax jgħaddi b'wirt f'idejn is-suċċessur. Għalhekk id-dritt tas-suċċessur għandu jigi konsidrat li huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tagħhom u dan kif ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-2 ta' Frar 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Turner vs Frank Agius et" (ċitazzjoni 180/94). Għandu ukoll jiġi rilevat li l-indennizz jiġi akkordat lill-werrieta u mhux lid-dipendenti u kwindi ma hemmx bżonn li jkun hemm d-dipendenza tal-eredi għar-rigward tal-awtur tagħhom. Kwindi fil-każ ta' mewt ta' l-awtur, meta l-qraba jfittxu għall-kumpens jagħmlu dan għax jilbsu l-libsa legali tal-vittma u mhux fuq bażi ta' dipendenza u konsegwentement il-grad ta' dipendenza ċert li mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens. Għalhekk l-atturi jistħoqqilhom li jirċievu dak li kien ikollu dritt jirċievi l-awtur tagħhom kieku fl-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li ħallewh għal kollox inkapaċi.*

74. Jirriżulta, għalhekk, illi fis-sistema tagħna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (damnum emergens) kif ukoll dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

75. Il-Qorti, hawnhekk, tħoss illi jkun opportun illi ssir referenza għall-każ '**Joseph Zammit vs Joseph Bonello**' deċiż fil-25 ta' Frar 2016, fejn il-Qorti ġabret

rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

*Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija "**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**" – A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawża "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983,*

> *"iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu."*

*Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – "**Savona vs Asphar**" App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – "**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**" – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ "**Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*

> *Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja.*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

> *A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) ġie ribadit li:*

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

> *In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

> *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).*

*Tnaqqis minħabba lump sum payment:*

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

> *Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data.*

*Aktar reċentement, il-Qorti tal-Appell, fil-każ "**Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri**" deċiża fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

> *Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "**Jos Agius vs All Services Ltd**." (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju 2005)*

> *f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela**" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u "**Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012)."*

*Dwar l-istess tematika u l-problemi li jiġu riskontrati mill-istess ingħad ukoll f'żewġ deċiżjonijiet msemmija mill-attriċi l-ewwel waħda fl-ismijiet Carmena Fenech et. vs Iċ-Chairman tal-Malta Drydocks et.:-*

> *"Jibda biex jiġi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-eżami tad-deċiżjonijiet kopjużi fuq is-suġġett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, il-problema l-aktar spinuża, tant li, storikament, ma jonqsux ċerti kawteli mill-Qrati in meritu għal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess ġurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taż-żmenijiet ġew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw riżltat univoku jew ġustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-iżviluppi li seħħew fis-snin disgħin il-metodu li jihder ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf għall-bażi tal-working years expectancy. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuċi li sostniet li l-kriterju bażat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu għal kollox riskjuż u alejatorju, sempliċiment għaliex wieħed ma jistax jivviżwalizza l-futur, u ċ-chances and changes tal-ħajja huma tant varji li hu diffiċli ferm li wieħed jistabilixxi kriterji oġġettivi li fuqhom kull każ jista' jiġi modellat" ("Lawrence Caruana vs Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad eżempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wieħed jista' jipprospetta qagħda fejn, minħabba n-natura tax-xogħol ta' ċertu strapazz, id-danneġġjat jew id-decujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jargumenta wkoll illi ġialadarba fiż-żmenijiet reċenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xogħol qiegħda tiżdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu għal waħda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-multiplier għandha tieħu għarfien ta' dan l-iżvilupp ġdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju, 2007 in re: "Francesco Sultana et vs Frances Xavier Grech et";*

*Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perjodu tal-multiplier suppost li jibda jgħaddi mid-data ta' l-inċident (ara "Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon", Appell Ċivili, 14 ta' Mejju, 1984), ...."*

76. Il-Qorti tosserva illi l-istess Qorti, fil-każ fuq surriferit, ikkunsidrat ukoll il-kunċett ta' "*own consumption u degree of dependency*" fejn qalet dan li ġej:

> *Fl-istat tal-ligi kif preżentement hi, din il-Qorti, kif presjeduta, b'osservazzjoni li għamlet in referenza għas-sottrazzjonijiet li solitament isiru f'każijiet konsimili kienet irrimarkat li l-prattiċi tad-detrazzjoni għall-"own consumption" u "grad ta' dipendenza", aktarx introdotti mid-duttrina Ingliża, ma kienu jsibu l-ebda ġustifikazzjoni skond il-vot tal-liġi fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif issoktat tikkummenta fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2003 fil-każ "Angelo Galea et vs Silvio Piscopo", "altrimenti jibqa' jkollna s-sitwazzjoni assurda, u mhux aktar tenibbli, illi l-mewt, riżultat ta' fatt illeċitu, tkompli tiswa anqas minn sempliċi menomazzjoni fizio-psikika konsegwenti mill-istess fatt". Jirriżulta minn riċerka li l-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali rrikonoxxiet hi wkoll, ftit ġranet wara d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, illi "l-liġi tagħna fl-Artikoli 1045 u 1046 ma titkellem xejn fuq 'dependency' għal fini tal-komputazzjoni tad-danni u li kienu biss il-qrati li, b'sens ta' ġustizzja u ekwita`, introduċew dan l-aspett innovattiv fis-sistema ġuridika tagħna." Ara "Ġużeppi Agius et vs Tarcisio Fenech", Appell, 29 ta' Ottubru, 2003. Dejjem dik l-istess Qorti, b'diverġenza ta' fehma għal dik ta' l-ewwel Qorti, issoktat f'sentenza posterjuri tirritjeni illi kellha ssegwi l-indirizz ġurisprudenzjali fuq iż-żewġ temi tad-dependency u tal-konsum personali għaliex inkella, mod ieħor, kienet iġġib "strapp mhux ġustifikat f'dik li hi prassi stabbilita fl-istess ġurisprudenza". Ara "Anthony Turner et vs Francis Agius et", Appell, 28 ta' Novembru, 2003;"*

77. Dana il-kunċett ġia' wkoll ikkunsidrat mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Laura mart Emanuel Formosa et. vs Emanten Spiteri et** deċiża fit-28 ta' Novembru 2008, fejn qalet is-segwenti:-

> *25. L-appellant jilmenta woll illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta irriteniet illi l-atturi, bħala ulied d-decujus, ma kellhomx degree of dependency baxx. L-appellant isostni illi d-degree of dependency kien ineżistenti. L-appellant jissottometti illi ulied d-decujus ma kienux jiddependu mid-decujus għaliex kienu maġġorenni u għalhekk il-mewt ta' missierhom ma affettwathomx negattivament mil-lat finanzjarju. L-appellant jirreferi għall-kawża fl-ismijiet "***Anthony u martu Margaret Turner et. vs Francis Agius et.***" (120/94) deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2003 fejn din il-Qorti kienet naqqset d-danni da liquidarsi b'żewġ terzi (2/3) stante illi ma kienx jeżisti degree of dependency.*
>
> *26. Fl-atti ta' din il-kawża ma jirriżultax illi l-atturi ġabu xi prova dwar id-degree of dependency u ċioe` jekk huma kinux li kienu b'xi mod qegħdin jiddependu minn missierhom finanzjarjament. Lanqas fir-risposta tagħhom l-atturi ma jirrispondu għal din il-kwistjoni tad-dependency issue sollevata fir-rikors tal-appell tal-konvenut Sultana. Skond dikjarazzjoni mħejjija minn Nutar Anthony A. Abela (a fol. 108) jirriżulta illi l-atturi nisa huma l-eredi tal-mejjet David Frendo. Mill-atti jirriżulta wkoll li bintu Paula Frendo hija xebba filwaqt li ż-żewġ ulied l-oħra Karen u Laura huma miżżewwġin. Ma jirriżulta minn imkien jekk ix-xebba Paula Frendo hijiex taħdem jew jekk kenitx dependenti fuq missierha. Kien jispetta lill-atturi illi jġibu prova dwar jekk kinux qegħdin jiddependu mid-dħul ta' missierhom o meno fid-data tal-mewt tiegħu.*
>
> *27. Din il-Qorti għalhekk jidhrilha illi l-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' provi dwar dana l-aspett ma setgħetx tassumi li l-atturi kienu jiddependu minn missierhom. Din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant għandu raġun jilmenta f'dan in rigward u għalhekk għandu*

> *jkun hemm tnaqqis tal-quantum tad-danni minħabba l-fattur tad-degree of dependency. Madanakollu, it-tnaqqis m'għandux ikun ta' żewġ terzi (2/3) kif qed jippretendi l-appellant fuq l-iskorta tal-imsemmija sentenza Turner vs Aguis. Dana għaliex f'dak il-każ id-decujus kienet tfajla ta' sbatax (17)-il sena li fil-kors normali tal-ħajja, kieku baqgħet tgħix kienet tieħu l-istat tagħha, tifforma familja u l-ġenituri tagħha u ħutha x'aktarx li ma kinux sejrin ikunu l-eredi tagħha. Fil-każ odjern l-atturi nisa fil-kors normali tal-ħajja, ċertament kien mistenni li jirtu lil missierhom meta dan imut. Minħabba l-inċident meritu tal-kawża, dawk l-atturi wirtu lil missierhom qabel kien mistenni, b'mod li sehemhom mill-ħajja lavorattiva ta' missierhom safa sostanzjalment imnaqqas. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li tnaqqis ta' żewġ terzi (2/3) huwa wieħed eċċessiv u għalhekk arbitrio boni viri jidhrilha li* ***<u>tnaqqis ta' terz (1/3) huwa aktar ekwu u ġust</u>****. Għalhekk l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti għandu jiġi ridott b'terz (1/3) u ċioe` minn Lm 108,000 jitnaqqas ..."*

78. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-każ **Atef Zarouk vs C&F Building Contractors et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar 2019, intqal hekk:

> *Jirriżulta li l-attur kellu 29 sena meta ġara l-inċident, u għalhekk kellu "working life expectancy" ta' ċirka sitta u tletin (36) sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li għandha tapplika multiplier anqas minn dan l-ammont ta' żmien, konsiderando li l-eta' ta' l-irtirar illum żdiedet għal ħamsa u sittin sena u anke għaliex ma nġabu ebda provi għaliex dan għandu jkun anqas*

79. Il-Qorti, f'dan l-istadju, tħoss illi għandha tagħmel osservazzjoni ulterjuri dwar ir-responsabbilta' tal-intimat għall-akkadut illi wassal għall-mewt ta' Adolf Farrugia.

80. Jirriżulta, fil-każ odjern, mill-provi prodotti quddiemha, illi, għalkemm kien l-intimat illi pprovda d-droga illi kkonsmaw l-intimat u iben ir-rikorrenti dakinhar illi spiċċa miet iben ir-rikorrenti, kien attwalment Adolf Farrugia, ossija iben ir-rikorrenti, illi "*beda jsajjar l-eroina*", sabiex eventwalment dina tintuża bejniethom, u għalhekk Adolf Farrugia ipparteċiepa bi sħiħ fl-operat illi eventwalment wassal għall-mewt tiegħu stess.

81. Il-Qorti, għalhekk, tħoss illi dana il-fatt għandu jimmilita favur l-intimat, fil-komputazzjoni tad-danni, u hawnhekk ser tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Maġistrati fid-deċiżjoni tagħha kontra l-intimat, fejn ddiskutiet "*In-negliġenza kontributorja tal-vittma*". Il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza tagħna, in-negliġenza kontributorja tal-vittma mhix difiża għall-imputat. 'Contributory negligence is no defence to a criminal prosecution because the Crown and not the deceased or his representative is the plaintiff. ' Manzini jikteb ukoll: 'I rapporti penali non intercedono tra private, ma tra gli individui e lo Stato il quale tutela gli interessi di tutti; e la trasgressione di una persona non puo' costituire, ne' moralmente ne' giuridicamente, ragione sufficiente per sanare la trasgressione dell'altra e per privare l'ordine giuridico generale della tutela che il nostro diritto gli appresta. '*

*Fost il-każistika tal-Qrati tagħna, insibu d-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Novembru, 1992 mill-lmħallef Dr. Victor Caruana Colombo fil-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Busuttil et' insibu;*

*'M'hemmx dubju li Carabott, il-mejjet, ikkontribwixxa għall-inċident bin-negliġenza tiegħu, anzi wkoll bl-inosservanza tar-regolamenti. Di fatti ma kellux dawl fuq ir-rota li kien riekeb fid-dlam ċappa li kien. Din iċ-ċirkostanza pero' ma tiskolpax lill-appellati mir-responsabbilita' kriminali tagħhom. Tiġi kkunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena. '*

*Aktar reċenti kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef Dr. Vincent Degaetano fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Muscat' fejn il-Qorti qalet hekk:*

*'Huwa minnu li Cilia u l-helpers li kellu miegħu jarmaw in-niċċa u l-istatwa setgħu ħadu prekawzjonijiet aħjar biex jiġi evitat l-inċident.* ***Pero' dan il-fatt jista' jkollu relevanza biss fil-kamp Ċivili u mhux ukoll (ħlief għal finijiet ta' piena) fil-kap penali.****'*

*Kif jgħid l-Antolisei:*

*..il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto private, in cui sono in guoco interessi prevalentemente patrimoniali che debbono essere conciliate, non ha diritto di cittadinanza nel campo penale.*

82. Il-Qorti tqis illi daqs kemm huwa responsabbli l-intimat illi pprovda d-droga hu lil Adolf Farrugia, daqstant kien responsabbli wkoll Adolf Farrugia illi huwa lesta d-droga sabiex tintuża u amministraha.

83. Il-Qorti għalhekk tħoss illi għal dak illi jirrigwarda riżarċiment, ir-responsabbilta' finanzjarja għandha tinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, filwaqt illi għandhom ukoll japplikaw il-prinċipji kif fuq ġia' stabbiliti.

## Kalkolazzjoni tad-Danni

84. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi d-danni pretiżi mir-rikorrenti ma humiex '*Dannum Emergens*", imma unikament "*Lucrum Cessans*".

85. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi beix tagħmel il-konsiderazzjonijet segwenti:

    a. Dwar il-persentaġġ ta' diżabilita', in vista tal-fatt li Adolf Farrugia miet, dan il-persentaġġ ser jittieħed bħala 100%.

    b. Dwar il-multiplier, jirriżulta li fid-data tal-mewt traġika tiegħu, Adolf Farrugia kellu biss 21 sena. Kif ġie osservat aktar 'il fuq, il-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li miet Adolf Farrugia u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħhom, qed jikkunsidraw multiplyer ta' erbgħin sena (40). Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-fatt illi l-eta' ta' irtirar ta' Adolf Farrugia kien ser ikun ċertament 'l

hinn mill-40 sena mitluba mir-rikorrenti, huwa ġust u opportun illi l-multiplyer, fil-każ odjern, ikun ta' erbgħin sena.

c. Dwar is-salarju ta' Adolf Farrugia, ir-rikorrenti jikkontendu illi Adolf Farrugia, illi kien jaħdem ma' missieru, Emanuel Farrugia, kien jaqla' €230 fil-ġimgħa li, fuq sena, jagħmlu ftit anqas minn €11,960, u għalhekk il-Qorti ser tqis il-qliegħ annwali fuq €12,000.

86. Il-Qorti tosserva illi, kif ġia' rrilevat aktar 'il fuq, għalkemm huwa minnu illi l-intimat huwa responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia, ir-responsabbilta' tiegħu għandha tieħu in konsiderazzjoni n-negliġenza kontributorja ta' Adolf Farrugia in vista tal-fatt li pprepara d-doża tal-eroina li eventwalment qatlitu, u għalhekk l-intimat għandu jkollu d-danni lilu inflitti ridotti bin-nofs.

87. Il-Qorti tosserva wkoll illi, abbażi tas-sentenza '**Formosa vs Spiteri**' fuq imsemmija, fin-nuqqas ta' provi da parte tar-rikorrenti ta' xi '*degree of dependency*' illi huma kellhom, il-Qorti tħoss illi jkun ġust u opportun illi l-ammont għandu jiġi ridott ulterjorment b'terz.

88. Finalment, dwar il-"*lump sum deduction*', il-Qorti tosserva illi, l-kawża odjerna ilha pendenti għal ftit anqas minn ħdax-il sena w, abbażi ta' sentenzi fuq ċitati, hemm il-prassi illi tali tnaqqis ta' 20%, jitnaqqas bi 2% għal kull sena żejda minn wara t-trapass tal-kawża sad-data tas-sentenza. Dana jfisser illi, kieku kellha tiġi applikata tali regola, l-lump sum deduction għandu jkun ta' 2%. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi l-aġir ta' l-intimat fil-każ odjern, rifless fl-eċċezzjoniijet frivoli u vessatorji minnu mqajjma, intiżi unikament biex jirrekaw dannu ulterjuri lir-rikorrenti li tilfu lit-tifel tagħhom f'mod traġiku, huwa tali illi dina l-Qorti tħoss illi ma huwiex ġust u meqjus illi l-intimat igawdi minn tali tnaqqis ta' 2%. Għalhekk, ebda lump sump deduction ma għandha titnaqqas.

89. Tenut kont ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-komputazzjoni tagħha kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Introjtu Totali fuq medda ta' 40 sena:<br>(€12,000 x 40 sena x 100% disability) | €480,000 |
| b. | Tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) in vista tan-<br>negliġenza kontributorja ta' Adolf Farrugia | (€240,000) |
| | Bilanċ: | €240,000 |
| c. | Tnaqqis ta' Terz (1/3) in vista ta' nuqqas ta' prova dwar<br>*'degree of dependency"* | (€ 80,000) |
| | **TOTAL DOVUT** | **€160,000** |

90. Għaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, l-ammont dovut lir-rikorrenti Emanuel u Margaret Farrugia minn Mario Magri, bħala danni riżultat tal-mewt ta' Adolf Farrugia, illi għalih l-intimat Mario Magri huwa responsabbli, għandu jkun ta' **mija u sittin elf Euro (€160,000).**

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

**Tiddikjara** lill-intimat Mario Magri responsabbli tal-mewt ta' Adolf Farrugia, li miet fit-22 ta' Awwissu 1999, u li seħħ minħabba n-nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' l-intimat Mario Magri meta pprovda lilmAdolf Farrugia d-droga illi biha eventwalment miet l-istess Adolf Farrugia, iben ir-rikorrenti;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba fil-mewt fl-ammont ta' **mija u sittin elf Euro (€160,000)**.

**Tikkundanna** lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' **mija u sittin elf Euro (€160,000)** in linea ta' danni minnhom sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**0Spejjeż** kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Novembru 2006, a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**